MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2013

Numru. 1123/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESSICA GRIMA**

**VS**

**TEODOSIO BALDACCHINO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Teodosio Baldacchino, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 247662 (M).

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-Gzejjer, bejn il-lejl tal-31 ta` Lulju, 2012, u l-1 ta` Awwissu, 2012, gewwa San Pawl il-Bahar:

1. Gieghel animal isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, u abbandunajt animal;

2. Zamm jew qabel li jzomm animal li kellu jkun responsabbli ghat-trattament xieraq tieghu.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;
Wara li rat l-Artikoli 8 (2), 8 (3) u 45 tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Fuq ammissjoni din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni u timmultah is-somma ta` hames mitt ewro (€500) li trid tithallas fi zmien sitt (6) xhur millum.

Il-Qorti ma ssibx lill-istess imputat hati ghat-tieni akkuza u ghaldaqstant tilliberah minnha.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------